MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 190/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok FC 1 u minn liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, ilkoll maggorenni;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok FC 2;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal disa’ snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghal kull buon fini qed jigi hawn anness l-affidavit tal-kontendenti, immarkat bhala Dok FC 3;

Illi ma hemm l-ebda problema ghal hlas ta’ manteniment dovut lir-rikorrenti CBperess illi dejjem thallas regolarment skont il-ftehim raggunt;

Illi dawn il-fatt fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Mejju, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-19 ta' Dicembru 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------